**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A65/11

01 ta' Diċembru 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/65**

Ser tissejjaħ **laqgħa urġenti** tal-Kunsill nhar **il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Triq Sir Patrick Stuart
2. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Pagament ta' Triq Sir Frederick C Ponsonby

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

12 ta' Diċembru 2011

Ref Nru.Klg5/065

Minuti tal-**laqgħa Urġenti** Nru Klg5/65 li saret il-Ħamis 1 ta'Diċembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Sitt membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech Ian Micallef u Malcolm Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attenda għall-parti mill-laqgħa, s-Sur Alfred Vella għan-nom tal-Perit Joe Bugeja.

## Skużat

Il-Kunsillier Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-1 ta' Diċembru 2011.

Iċ-*Chairman* informa, li l-Perit Joe Bugeja kien ikkomunika lill-Kunsill, li personalment ma setgħax ikun preżenti fil-laqgħa minħabba mpenn li kien diġa' ppjanat u matulu ried jagħmel preżentazzjoni, għalhekk, talab lill-Kunsill, biex is-Sur Alfred Vella mill-uffiċċju tiegħu jissostitwieh. Hu kompla jgħid, li t-talba tal-Perit ġiet aċċettata u dan invista tal-fatt, li s-Sur Vella kien akkorrenti tax-xogħlijiet fiż-żewġ toroq li għalihom tħejjew ir-rapporti kif

ukoll, skont il-minuti li kopji tagħhom kienu ċirkulati dak il-ħin waqt il-laqgħa, kien hemm spjegazzjoni dwar l-opzjonijiet għal Triq Stuart inkluż ir-rakkomandazzjoni tal-Perit.

## 1. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' *Triq Sir Patrick Stuart*

**1.1** Iċ-*Chairman* fetaħ id-diskussjoni u stieden lil-Viċi-Sindku jressaq il-kummenti tiegħu.

Il-Viċi-Sindku għamel referenza għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret fit-30 ta' Novembru 2011, fejn fiha l-Perit spjega l-erba' opzjonijiet inkluż liema waħda minnhom kien qed jirrakkomanda.

Il-Kunsillier Ian Micallef rrimarka li hu kien sorpriż bil-laqgħa li saret, fejn matula kien diskuss dan il-proġett u l-Kunsillieri ma kienux infurmati. Hu kompla jgħid, li f'dawn il-minuti hemm rappurtaġġ tal-Perit fejn fih speċifikament il-Perit ma jirrakkomandax li għal Triq Stuart tintgħażel *option D* għaliex hi l-aktar għolja, għall-kuntrarju tad-deċiżjoni meħuda u applikata għal Triq Ponsonby.

Is-Sur Alfred Vella wieġeb, li kif spjegat fir-rapport imħejji għal Triq Ponsonby li kien preżentat għall-laqgħa tal-Kunsill li saret fis-16 ta' Novembru 2011 minħabba l-fatt, li kienet diġa' tqaxxret it-triq, ittieħdet *Ad Hoc decision* biex jitħaxxen l-asfalt għaliex hu kien tal-fehma li d-deċiżjoni biex tapplika *cement stabilization* riedet tittieħed qabel it-tqaxxir. Għalhekk, dan kien ifisser, li ried jieqaf ix-xogħol.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Ian Micallef jekk is-sitwazzjoni ta' dar il-ħmar u l-ħamrija kienitx komuni fiż-żewġ toroq, s-Sur Vella wieġeb fl-affermattiv. Il-Kunsillier Ian Micallef kompla jgħid, li dan jikkonferma li l-kuntesti huma simili għal xogħlijiet li saru f'toroq oħra fil-passat bħal Triq il-Flotta li għalihom il-Perit Joe Bugeja kien il-Perit tal-Kunsill u b'hekk setgħu jkunu previsti.

Madanakollu hu żied jgħid, li dawn ir-raġunijiet tekniċi għandhom ikunu elenkati fir-rapport.

Il-Viċi-Sindku wera ritratti meħudha waqt ix-xogħlijiet fi Triq Stuart minn Triq Cameron (*Orpheum Theatre*) lejn ix-Xatt fejn kien jidher li taħt il-wiċċ tat-triq, kien hemm ħamrija u *cables* fl-ilma waqt li kienu qed isiru xogħlijiet ta' l-entita' *Enemalta*.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Ian Micallef talab sabiex jiġu analizzati l-varjazzjonijiet kollha fir-rapport li kopja tiegħu tqassmet dak il-ħin stess waqt il-laqgħa, filwaqt li s-Sur Vella beda jagħti kjarifikazzjonijiet għall-punti

mressqa fosthom, li fil-metraġġ m'hemmx żieda qawwija, kien hemm żieda għalkemm mhux ħafna fit-*tuck coat*, filwaqt li fir-rispett ta' l-i*sweeping,* dan kellu jiġi nkluż minħabba li ma kienx fil-*B.O.Q.* oriġinali. Is-Sur Vella kkonferma li l-varjanzi kienu approvati mill-kuntrattur tant, li kien hu stess li ħarighom.

Iċ-*Chairman* qal, li lanqas hu ma kien kuntent bid-deċiżjoni ta' Triq Ponsonby minħabba, li kif qed jindika' dan ir-rapport kienet l-għola waħda madanakollu, għal dak il-każ ser ikun hemm il-Kumitat kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti iżda f'dan l-istadju, l-Kunsill irid jaqbel fuq kif ser jipproċedi għal Triq Stuart.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, b'tkomplija ma' dak li kien qed jgħid iċ-*Chairman*, li hu għalhekk kien sorpriż bil-laqgħa tat-30 ta' Novembru 2011, għaliex għall-kuntrarju ta' dak deċiż fis-16 ta' Novembru 2011, għal dik il-laqgħa kellu jkun preżenti l-Kumitat kompost minn rappreżentanza Nazzjonalista kif fil-fatt, ma sarx. Għall-istess raġunijiet mogħtija fis-16 ta' Novembru 2011, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li hu favur li x-xogħol isir, mhux sodisfatt bil-varjazzjonijiet u l-mod ta' kif saru l-affarijiet. Invista ta' dawn ir-raġunijiet, il-vot tiegħu għal dan ir-rapport ma kienx ser ikun kontra għaliex ma riedx jiftiehem li hu kontra li x-xogħol jitkompla iżda ser jastjeni għal mod ta' kif sar ix-xogħol mingħajr ma jipponta subajgħ lejn ħadd.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qabel mal-Kunsillier Ian Micallef u għalhekk, ikkonferma l-astenzjoni tiegħu.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu sejjaħ il-laqgħa tat-30 ta' Novembru 2011, mhux biex jiddiskuti dan il-proġett iżda, biex jiġu diskussi ż-żewġ kuntratti l-oħra mirbuħa mill-istess ditta li s'issa kien għadu ma bediex ix-xogħol fuqhom tant, li kif hemm imnizzel fil-minuti ġew ikkonfermati d-dati ta' meta kienu ser jinbdew ix-xogħlijiet fuq iż-żewġ kuntratti.

Iċ-*Chairman* qal, li xtaq jikkjarifika l-punt tal-Viċi-Sindku għaliex teknikament ma kienx hu (Viċi-Sindku) li sejjaħ il-laqgħa iżda, ġie awtorizzat minnu biex tissejjaħ din il-laqgħa li kellha tittratta l-proġetti tar-*re-surfacing* tal-*Housing Estate* u l-Bankini tant li ġew stabbiliti d-dati ta' meta kien ser jinbeda x-xogħol u fl-eventwalita' li jitressaq għad-diskussjoni dan il-proġett (*P.P.P.*) hu awtorizzah biex jitkellem għan-nom tiegħu iżda, kull deċiżjoni riedet tittieħed waqt laqgħa ta' Kunsill.

Għall-mistoqsija taċ-*Chairman* jekk il-membri kollha tal-Kunsill kienux infurmati bil-laqgħa tat-30 ta' Novembru 2011, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

Iċ-*Chairman* qal, li hu jaqbel mal-punti elenkati mill-Kunsillier Ian Micallef, iżda l-esperjenza tgħallem li proġetti simili jvarjaw mill-oriġinali u dan għaliex, waqt ix-xogħol jinqalgħu problemi li ma jkunux previsti qabel ma tinħareġ is-Sejħa għall-Offerti. Hu żied jgħid, li anke jaqbel mal-Kunsillier Ian Micallef għall-fatt, li minn esperjenzi passati u għamel referenza għax-xogħol li kien sar fi Triq Cameron, din il-lokalita' għandha problema li taħt il-wiċċ tat-triq hemm il-ħamrija u għalhekk, mhux sodisfatt kif ġie preparat ix-xogħol madanakollu, għandu r-responsabbilita' li jassigura li dawn il-varjazzjonijiet jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill u sussegwentament tad-Dipartiment konċernat sabiex ix-xogħol isir mill-aktar fis possibbli u r-residenti jgħixu aħjar. Kien għalhekk, li hu kien ser jivvota favur l-*option* kif rakkomandata mill-Perit jiġifieri, *option C*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu favorevoli li r-residenti jgħixu b'mod dinjituż imma abazi ta' dak li qal fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u anke b'konsegwenza ta' dak li kien qal fil-laqgħa li saret fil-15 ta' Frar 2011, jiġifieri meta ttieħdet id-deċiżjoni ta' min kellu jirbaħ il-kuntratt fejn l-għola kien ġie l-orħos, issa s-sitwazzjoni preżenti reġgħet ġiet vice versa. Kien għalhekk, li hu ser jibqa' ta' l-istess fehma kif esprima aktar 'l fuq.

Iċ-*Chairman* wieġeb u qal, li dak diskuss fil-laqgħa sopracitata jiġifieri t-tnaqqis tal-*labour* u l-*formwork* minn *item* Nru 3 tal-*B.O.Q.* m'għandu xejn x'jaqsam maċ-ċirkostanza attwali u dan għaliex, kieku ntgħażel is-sottomettent l-ieħor, l-istess varjazzjonijiet kienu ser jiġu preżentati. Hu kien aktar tal-fehma, li s-Sejħa għall-Offerti ma kienitx preparata sew.

Is-Sur Vella qal, li biex tkun proattiv trid tagħmel diversi nklużjonijiet fis-Sejħa għall-Offerti li jgħollu l-prezz fattur, li fir-realta' mhux applikabbli.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* ressaq ir-rapport tal-varjazzjonijiet għal Triq Stuart għall-approvazzjoni tal-Kunsill u abazi tar-rakkomandazzjoni tal-Perit kien qed jissuġġerixxi li x-xogħlijiet isiru bil-varjazzjonijiet skont *option C* wara li tinġieb l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien, erba' favur li kienu, ċ-*Chairman* Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri u l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech u żewġ astenzjonijiet li kienu, l-Kunsillieri Ian Micallef u Malcolm Camilleri.

## 2. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Pagament ta' *Triq Sir Frederick C. Ponsonby*

### 2.1 Pagament ta' *Triq Sir Frederick C. Ponsonby*

In segwitu ta' struzzjonijiet, mogħtija fir-risposta li dan il-Kunsill Lokali rċieva permezz ta' *e-mail* datata 28 ta' Novembru 2011, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u b'approvazzjoni taċ-*Chairman*, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-ditta *Polidano Bros* sabiex tħejji *invoice* li teskludi kull varjazzjoni kemm

għall-bankini kif ukoll għat-triq, biex tiġi preżentata u approvata waqt il-laqgħa tal-Kunsill skont ir-rati ta' pagament li hemm sottomessi fis-Sejħa għall-Offerti.

Ġie ppreżentat waqt il-laqgħa kopja taċ-ċertifikat tal-pagament u saru l-spjegazzjonijiet neċessarji.

Wara li ġew eżawriti l-kjarifiki kollha anke mis-Sur Vella, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li jitħallas l-ammont ta' €13,914.86 lid-ditta *Polidano Bros* u €732.38 bħala *contract management fee*.

### 2.2. Rapport ta' varjazzjonijiet – *Triq Sir Frederick C. Ponsonby*

Tqassmet kopja tar-rapport tal-varjazzjonijiet għat-triq sopracitata lill-membri tal-Kunsill u ġie ċċarat l-fatt, li l-varjanza għal din it-triq kienet ta' 43.73% minħabba l-fatt, li fir-rapport oriġinali l-uffiċċju tal-Perit ma kienx emenda l-ammont approvat lill-kuntrattur għar-raġuni li fuq parir tal-Perit stess, kienet ġiet emendata *item Nru: 3* billi tnaqqas il-*labour* u l-*formwork*.

Bħalma sar fir-rispett tar-rapport ta' Triq Stuart, il-Kunsillier Ian Micallef issuġġerixxa li jiġu ndirizzati *item* b'*item* biex jiġi definit minn fejn ħarġu l-aktar varjazzjonijiet. Minn dan l-eżerċizzju rriżulta li l-aktar varjazzjonijiet saru f'*items* minn Nru: 8 sa Nru: 12 u dan minħabba l-istruttura tat-triq kif spjega s-Sur Vella.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li la darba fiż-żewġ toroq saru s-servizzi, ma jistax jifhem għalfejn mhux l-istess soluzzjoni kienet qed tiġi proposta li ssir u għaliex, fi Triq Ponsonby ma sarx is-*cement stabilization*.

Il-Viċi-Sindku qal, li s-servizzi li saru fi Triq Ponsonby kienu biss ta' l-ilma li jsiru f'fond ta' żewġ piedi taħt il-wiċċ tat-triq għall-kuntrarju ta' dak tad-dawl li jinżlu aktar fil-fond liema servizzi, ma sarux ukoll, fi Triq Ponsonby. Hu kompla jgħid, li meta nbeda' x-xogħol ta' *tarmac* fi Triq Ponsonby, il-bankini kienu diġa' tlestew.

Il-Kunsillier Ian Micallef irrimarka li l-problema segħtet tiġi identifikata meta saru it-tgħaqqidiet tas-servizzi ta' l-ilma mat-toroq laterali. Apparti dawn il-punti, l-Kunsillier Ian Micallef ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-fatt, li hu ma kienx sodisfatt bil-kwalita' tax-xogħol u għamel referenza għall-qasma fejn jgħaqqad it-*tarmac* fin-nofs tat-triq li ma kienitx maqtugħa bis-sega kif kienu qed isiru xogħlijiet magħmula minn entitajiet oħra u fejn Triq Ponsonby tgħaqqad ma' Triq il-Flotta, mhix livellata sew tant, li meta tkun qed issuq bil-karozza tħoss it-tumbati.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-istess problema qedgħa fil-parti t'isfel tat-triq meta tgħaqqad ma' Triq ix-Xatt tant, li jżomm l-ilma tax-xita.

Il-Kunsillier Ian Micallef kompla jgħid, li punt ieħor li ma kienx sodisfatt bih, kien, li hemm partijiet fejn iż-żrara tidher fil-wiċċ tat-triq fattur, li juri li t-*tarmac* mhux kompatt u għalhekk, iwassal biex b'xita kontinwa fuq numru ta' snin għall-perjodu ta' ħames snin circa, l-ilma jinżel fil-qiegħ tat-*tarmac* li minn natura tiegħu hu poruż b'konsegwenza, li fi żmien relattivament qasir, il-Kunsill ikollu jagħmel xogħol ta' *patching*. Hu qal, li fl-opinjoni tiegħu, x-xogħol ma sarx fil-kwalita' li l-Kunsill ried.

Filwaqt li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela qablu mal-Kunsillier Ian Micallef, il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill irid jara x'garanzija għandu x-xogħol.

Il-Kunsillier Ian Micallef żied jgħid, li l-fatt li t-*tarmac* jixrob l-ilma, joħloq problema fil-qiegħ tiegħu partikularment f'dan il-każ fejn bid-deċiżjoni meħuda tħaxxen biss it-*tarmac* u ma ġiex applikat is-*cement stabilization*.

Intervjena ċ-*Chairman* u għamel referenza għall-fatt, li dak li ġie rakkomandat għal Triq Stuart ma ġiex applikat fi Triq Ponsonby fattur, li l-Kunsill ma kienx jaf bih u għalhekk, ma kellux deċiżjoni fuqu iżda ried jistabblixxi l-fatti mill-investigazzjoni li trid issir.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-vot tiegħu fir-rispett tal-varjazzjonijiet għal Triq Ponsonby ser ikun kontra u dan għaliex bħal ma sar fi Triq Stuart kellu jsir fi Triq Ponsonby u cioe' li l-Kunsill l-ewwel ried japprova l-varjazzjonijiet u mhux japprova x-xogħol. Għall-fatt, li s-sistema addottata għal Triq Ponsonby hi kuntrarju għall-mod proċedurali ta' kif kellhom isiru l-affarijiet, hu kien ser jivvota kontra l-varjazzjonijiet u mhux kontra l-proġett.

Iċ-*Chairman* qal, li hu jaqbel mal-Kunsillier Ian Micallef iżda, kien ser jivvota b'riżerva u dan sabiex il-proġett ma jieqafx. Ir-riżerva tiegħu hi abazi tal-punti kif imsemmija mill-Kunsillier Ian Micallef li l-membri tal-Kunsill m'humiex *rubber stamp* u r-riżerva tiegħu tiġi xolta meta tiġi eżawrita l-investigazzjoni. Għaldaqstant, f'dan l-istadju ressaq ir-rapport ta' varjazzjonijiet ta' Triq Ponsonby għall-votazzjoni. Ir-riżultat kien, erbgħa favur b'riżerva li kienu, ċ-*Chairman* Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri u l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech u tnejn kontra li kienu l-Kunsillieri Ian Micallef u Malcolm Camilleri.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Diċembru 2011, fil-5.00 p.m. bi qbil unanimu.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |